**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Ersilia Gauci**

**Illum, 01 t'Awwissu 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Ersilia Gauci**, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 0449975M,

Akkuzata talli:

Fl-1 ta' Awwissu ghal habta tas-02.30hrs, naqset milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magst. Dr. N. Galea Sciberras LL.D. fid-digriet taghha datat 28 ta' Marzu 2018 li bih inghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan ai terminu ta' l-Art. 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex toghgobha tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digrie taghha tal-helsien mill-arrest ta’ Ersilia Gauci u tordna r-riarrest taghha, kif ukoll tordna li s-somma ta’ Euro4,000 bhala depozitu u Euro10,000 bhal adepozitu u Euro10,000 imposta fuqha bhala garanzija personali ghall-helsien mill-arrest jigu konfiskati u ghoddija a favur il-Gvern ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputata;
Semghet lill-imputata tikkonferma l-htija taghha;
Tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata Ersilia Gauci regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien ragonevoli tirrikonsidra il-posizzjoni taghha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess fejn tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputata u n-natura u gravita' tal-akkuzi migjuba kontra taghha tikkundanna lill-imputata ghal zmien sitt xhur prigunerija, b'rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li l-imputata tinzamm fis-Sezzjoni Forensika fl-Isptar Monte Carmeli fen hemmhekk ghandha tigi segwita minn tim professjonali li, wara li jaghmlu evalwazzjoni idoneja tal-imputata, ghandhom ihejju pjan sabiex l-imputata tinghata l-ghajnuna kollha mehtiga sabiex tirrijabilita ruhha mill-problemi li jirrizulta li ghandha inkluz billi ssegwi **programma/i** ghar-rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga.

Il-Qorti tohrog ukoll Ordni ta' Probation taht l-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputata u tordna wkoll illi l-imputata tigi segwita minn Probation Officer waqt il-permanenza taghha fl-istess facilita.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Christine Farrugia
Deputat Registratur